MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 776/2003

**L-Avukat Dottor Anthony J. VELLA bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Ceramiche Moma s.p.a. u b'Degriet tal-5 ta' April, 2004, l-Avukat Dottor Joseph J. Vella assuma l-atti tal-kawża bħala mandatarju speċjali tal-istess kumpannija attriċi**

**vs**

**MODERN BATHROOMS LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' Lulju, 2003, li bih l-attur *nomine* ippremetta;
Illi s-soċjeta' konvenut hija debitriċi tas-soċjeta' mandatarja tal-attur nomine fl-ammont ekwivalenti għal Liri Maltin ta' erbatax-il elf tmien mija u tlieta u ħamsin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Eur 14,853.54) rappreżentanti bilanċ dovut fuq prezz ta' merkanzija

mibjugħa u konsenjata lis-soċjeta’ konvenuta fuq istruzzjonijiet tagħha.

Illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata biex tħallas il-bilanċ hekk dovut, anke permezz ta’ ittra uffiċjali datata 13 ta’ Settembru 2002, iżda xorta baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas is-somma ekwivalenti għal Liri Maltin ta’ erbatax-il elf, tmien mija u tlieta u ħamsin Euro (Eur14,853.54), rappreżentanti bilanċ dovut fuq prezz ta’ merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lil istess soċjeta’ konvenuta fuq istruzzjonijiet tagħha, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta’ Settembru 2002, u bl-imgħax mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra s-soċjeta’ konvenuta inġiunta biex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-istess attur *nomine* flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-kumpannija mħarrka, għalkemm notifikata kif imiss bl-atti tal-kawża u bl-Avviż tas-Smigħ fit-13 ta’ Ottubru, 2003[1], naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien lilha mogħti u waqgħet kontumaċi;

Rat il-verbali tas-smigħ tas-27 ta’ Novembru, 2003, tas-26 ta’ Frar, 2004, tas-6 ta’ April, 2004, tal-4 ta’ Mejju, 2004, tal-24 ta’ Ġunju, 2004 u tat-28 ta’ Lulju, 2004, fejn il-partijiet talbu lill-Qorti ma tgħaddix għall-għoti tas-sentenza minħabba arranġamenti li kienu għaddejjin bejn il-partijiet dwar il-kreditu pretiż;

---

[1] Paġġ. 8 u 11 *tergo* tal-proċess

Rat in-Noti mressqin mill-attur *nomine* waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2004[2], tat-2 ta' April, 2004[3], tal-24 ta' Ġunju, 2004[4], utat-28 ta' Lulju, 2004[5], li bihom naqqas l-ammont minnu mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni, minħabba ħlasijiet akkont li saru mill-kumpannija mħarrka waqt li kienet tinsema' l-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2004, li fih l-attur *nomine* talab lill-Qorti tħalli l-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija (tagħmir tal-kmamar tal-banju) mibjugħa u konsenjata lill-kumpannija mħarrka fuq ordni tagħha f'Ottubru tal-1999;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka ma ressqitx Nota tal-Eċċezzjonijiet u għalkemm huwa meqjusa li l-kontumaċja ta' parti mħarrka titqies bħala kontestazzjoni tat-talba attriċi, f'dan il-każ ma kienx hekk. Mill-atti tal-kawża joħroġ li l-kumpannija mħarrka jidher li kienet aċċettat li hija debitriċi tal-kumpannija attriċi u, kemm hu hekk, wettqet numru ta' ħlasijiet akkont matul iż-żmien li l-kawża kienet għaddejja. Dawn jixhduh l-għadd ta' noti ta' riduzzjoni mressqa mill-attur *nomine*;

Illi l-kontestazzjoni waħdanija li kien hemm bejn il-partijiet kienet dwar kemm kien il-bilanċ li kien għad fadal wara li saru l-ħlasijiet akkont. Dwar dan, il-Qorti ssib li t-tifsira tal-bilanċ dovut magħmula mill-attur *nomine* f'dokument

[2] Paġ. 12 tal-proċess
[3] Paġ. 15 tal-proċess
[4] Paġ. 20 tal-proċess
[5] Paġ. 23 tal-proċess

imressaq minnu man-Nota tal-10 ta' Novembru, 2004[6] hija waħda ta'min joqgħod fuqha. L-obbligazzjoni mnissla mill-bejgħ u kunsinna kienet waħda ta' xejra kummerċjali bejn żewġ kumpanniji kummerċjali u mhux għal użu personali, u għalhekk, l-imgħax fuq il-fattura beda għaddej minn dak inhar li l-obbligazzjoni tnisslet;

Illi jirriżulta li, matul is-smigħ tal-kawża, il-kumpannija mħarrka ħallset sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) akkont, u għalhekk mill-ammont sħiħ u l-imgħaxijiet li laħqu nġemgħu sa Ottubru tal-2004, jifdal bilanċ ta' elfejn tmien mija u għoxrin lira Maltin (Lm 2820);

Illi l-kumpannija mħarrka għandha tħallas din is-somma;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-kumpannija mħarrka:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' elfejn tmien mija u għoxrin lira Maltin (Lm 2820), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u kunsinnata lill-istess kumpannija mħarrka, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'effett mill-1 ta' Novembru, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[6] Dok "A2", f'paġ. 28 tal-proċess